## Fl-Okkażjoni mit-Tberik u l-Inawgurazzjoni Solenni tal-Proġett għall-Bradella u Bankun Ġodda għall-Istatwa Titulari ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq A.D.MMXV

# Fejn fl-Aħħar Serħet Riġlejha l-Assunta

## Ispirazzjoni w Artistrija fil-Ħolqien t'Opra Sagra f'Millenju Ġdid Intervista mal-Iskultur, Disinjatur u Statwarju, L-Imgħallem Renzo Gauci

Kitba ta' Dr John A. Agius

**Ġewwa l-Bottega**

Xħin għajnejk jidraw il-dawl fietel hekk kif tħalli barra d-dija ħarxa ta' xemx ta' wara nofsinhar, biex tirfes ġewwa l-bottega tal-artist Renzo Gauci, dlonk bħal tidħol f'dimensjoni temporali parallela. Tinsa' x'hemm barra, t-traffiku u l-għaġġla bla sabar fit-toroq.

Il-ħin qisu jieqaf jew jitkaxxkar bil-mod.

Fil-bottega ta' Renzo hemm is-sensazzjoni eterja ta' bħal proxxenju f'xi teatru tal-opra. Hemm ġew hemm atmosfera oħra, b'xenografija surreali. Hemm ġew pajjiż il-ħolm, għax hemm ġew jissawwru l-meravilji.

Għajnejk jibdew joqgħodu. Tibda tilmaħ l-ġmiel...

U jekk tkun taf tara tilmaħ ukoll il-ġmiel fir-rovina, li għand Renzo tissaraf wara fil-ġmiel tar-restawr...

Ecce Homo bla dirgħajn. Zokk ta' siġra li jservi ta' tabernaklu għas-sorijiet. Duluri għajnejn il-ħniena idejha marbuta ddisprata tħares fid-dlam ċappa ta' rokna mimlija forom tal-ġibs. San Pietru u San Pawl bħal tewmin skolpiti raffi fl-injam arbulati daharhom ma' sett falakki. Serbut statwetti tal-Madonna tad-Duttrina jistennew id-destin ġej fuq xkaffa. Figorina tal-Lunzjata kif ħoloq Xandru mdawra nofs tużżana Anġli Gabriel kollha jħabbru f'kor entużjast l-Aħbar it-Tajba...



*L-Iskultur, Disinjatur u Statwarju, l-imgħallem Renzo Gauci*

L-Aħbar it-tajba li donnhom qed iwasslu lil Marija hi proprju li l-Bankun u l-Bradella ġodda kważi lesti! Ħolma ta' Poplu ta' 'l fuq minn mitt sena fl-aħħar tissarraf f'realtà. Ġenerazzjoni Għaxqija wara l-oħra tkellmu, fasslu u ssaraw biex xi darba jaslu biex jaraw lil Ġawhra tagħhom isserraħ fuq bradella u bankun ġdid. Mitt sena trepidazzjoni biex fl-aħħar l-istillel ċelesti daru mal-globi planterji biex fetħu l-portun tal-possibiltà, u l-2015 jitniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja antika tal-Festa Titulari Għaxqija bħala s-sena tat-tberik ta' din l-opra sagra ġdida.

**Il-Ġenesi tal-Leġġendi tal-Bradella**

Mal-qalba tas-Seklu Għoxrin, fid-deni tal-*Belle Epoque*, bdew jinħolqu bradelli u pedestalli aktar ambizzjużi mill-kaxxex sempliċi u severi, u xi drabi skwiżitament perfetti li kien hawn fil-Knejjes. Kien perjodu addirittura ta' bidliet strutturali fi statwi proċessjonali fejn inbiddlu s-suriet ta' bosta qaddisin. Kienet era ta' kommissjonijiet ta' vari ġodda anke 'l bogħod minn xtutna. Fi ftit kliem kien perjodu ta' ferment artistiku sinifinikattiv fejn wasslu biex inbiddlu adirittura knejjes, u dan mhux dejjem għal riżultat aħjar. Kien żmien ta' enerġija kreattiva kultant supperva u dan il-moviment wiesa' għeżżeż is-sisien tal-istorja tal-Arti Sagra u l-Arti Dekorattiva f'pajjiżna. Kien żmien fuq kollox eċċitanti.

Din il-miġja ta' bidliet laħqet ukoll ir-raħal ta' Ħal Għaxaq iżda hawn l-istorja ħadet milja oħra. Santa Marija ta' Ġerada baqgħet tgawdi popolarità kbira mal-Maltin bħala statwa mill-isbaħ u l-eleganza raffinata tagħha żammietha bla mittiefsa. Kienet meqjusa perfetta allura ma tmesset qatt. Il-Qabar monumentali ta' taħtha, kreazzjoni integra ta' Gerada stess, ukoll salva mill-mewġa ta' bidliet u ta' persekuzzjoni artistika. L-istess bħal fil-każ tal-Vara nnifsha dan kien meqjus mill-Poplu u mill-

esperti bħala komplut, *non plus ultra* fid-disinn u l-manifattura tiegħu. Għaldaqstant, l-Istatwa l-aktar "ċelebri" skont Ferris u l-aktar statwa kkupjata fis-sura tagħha, fil-kumplessività artistika tagħha waslet sħiħa u intatta kif ħarġet min idejn il-Prinċep tal-iskultura Maltija.



U hawn tibda l-leġġenda u l-mit tal-Bankun u l-Bradella l-qodma. Fil-verità kollha l-bradella u l-bankun l-antiki huma opra preġġjata fl-injam tal-kewba tal-Honduras bi fjamma tal-venatura tassew viżwalment pjaċevoli. Bħala data tista' tiġi kkollokata bejn l-1830 u l-1860 bħala disinn u manifattura. Sempliċi, kwadrata u bi proporzjonijiet perfetti għad-delikatezza tal-Assunta mperċa fuqha, titkessaħ biss bis-saħħa ta' Nome di Maria ċentrali fuq il-panelli tal-faċċata ta' quddiem u disinni elaboratissimi fil-gwarniċuni tal-ġnub. L-iskultura hi kważi tal-ħelu, rqieqa u ġenjali, kważi maħluqa mix-xejn li iżda jissaraf f'ħafna.

Għal żmienha din kienet bradella tal-prima, opra meqjusa ta' kwalità u finezza distintiva. Importanti l-użu ta' injam preġġjat, realtà rari f'dawk iż-żminijiet. Il-propozjonijiet armonjużi, l-iskambju ideali bejn spazji vojta u skultura ornata hu tipiku tal-perjodu li ra transizzjoni mir-*Regency* għal stil nofs triq bħal stil William IV biex bil-mod jidħol ir-riġidità solida u imponenti Vittorjana. Ta' min iġib quddiem għajnejh li meta fil-Knisja tagħna kienet ħarġet din il-bradella l-antika, vari titulari oħrajn kienu jserħu fuq kaxxex mgħottija bil-faldrappi. Statwi sekondarji kienu bosta drabi jserrħu biss fuq strippi. Mentri l-Bradella u Bankun l-antiki huma opra ta' transizzjoni li turi li kien sar sforz biex il-Kapolavur assolut ta' Gerada tkun meqjuma bl-aħjar mod possibbli. Missirijietna riedu biss l-aqwa u l-aħjar għall-maħbuba Patruna tagħhom.

**Maż-żmien niesna riedu aktar...**

Fl-aħħar waslet li-Bradella l-ġdida! U dan il-ferħ jiġri l-aktar fix-xjuħ tagħna li tant stennew u ħassew dik l-ansjetà sekolari appuntu għax dejjem kien hemm il-biża' li bradella ġdida ma tkunx biżżejjed ta' livell meta titqabbel mal-Ġmiel tal-Assunta mtajjra fuqha. Din hi ansjetà li taħkem dejjem lil kull min qatt resaq biex jaħdem fuq Santa Marija. Il-biża' li ma tasalx, li ma tkunx kapaċi tippriserva lill-ġmiel ta' din l-Istatwa. Missirijietna dejjem beżgħu kif u lil min ser jikkumissjonaw il-bradella l-ġdida. Dawn nies li dejjem ħasbu lil Santa Marija ma jmissha ħadd! Tista tatihom tort?

Mill-polza tad-destin telgħu ismijiet t'artisti u kummissjonanti stilliera. Iżda ħadd qatt ma daħal vers u tombla.

Matul is-snin issemmew artisti ta' ħila u ta' fama. Manwel Buhagiar, Ċensu Apap, Antonio Buhagiar bin Manwel u Salvu Bugeja jingħad li kienu avviċinati l-erbgħa li huma f'perjodi diversi. Buhagiar li kien midħla sew taċ-*Circolo La Stella* jidher li kien fil-fatt ġa ħażżeż xi skizz u jingħad li tmiem is-sebgħinijiet Bugeja kien ġie jieħu l-qisien. Apap fit-tmeninijiet xtaq proġett kumplessiv bl-anġli tal-fidda tiegħu bilqiegħda fil-kantunieri.

Id-destin sfuma dejjem kollox fix-xejn, għax għal ħaġa jew għal oħra din il-ħolma ma seħħet qatt. Bħal donnu ma kellux ikun!

L-ironija tad-destin riedet li jkun proprju Renzo alliev ta' Antonio Buhagiar l-iben tal-Leġġendarju skultur u disinjatur Manwel, li jwassal it-tiġrija sal-barkun.

Interessanti l-logħoba tad-destin li jlaqqa' żewġt Tarxiniżi f'kumpless artistiku komplut b'aktar minn mitejn sena żmien bejniethom, Ġerada l-Ħallieq tal-Vara ta' Santa Marija u lil Gauci, l-Kreatur tal-Bankun u Bradella għal taħt dan l-Kapolavur fl-Arti Sagra Maltija

**Id-Disinn skont Renzo**

Fl-2011 issir talba għall-disinn.

U Renzo Gauci dam sena sħiħa jmaħmaħ x'ser jagħmel bid-disinn.

Kif intalab li jippreżenta disinn, hu bejn tfixkel u bejn xegħel bil-ferħ. Renzo Gauci hu wieħed minn dawk il-ħafna membri tas-setta mgħommija bi ġmiel l-Assunta ta' Ġerada, dawk li jinħallu mal-veduta TagħHa mixja fit-triq, dawk li ma jsibux kliem biżżejjed GħaliHa. Bejn xegħel bil-ħsieb li kien ġie magħżul hu għall-opportunità hekk u bejn fl-

istess ħin twerwer taħt il-konsapevolezza li appuntu xogħolu kien ser jaqa' taħt skrutinju metikoluż. Kien jaf kemm l-Għaxqin bħal serafini b'xabla tal-qilla lesti jindukraw lill-Patruna, u bejn bħal donnu ruħet Mariano Gerada stess kienet ser tinżel mis-smewwiet jekk hu jfalli mqar daqqa ta' lapes jew daqqa ta' skalpell.

"Domt sena naħseb sakemm kont naf x'irrid nagħmel"

Sena biss biex ħareġ bi proposta ta' disinn.

Kienet inizzjativa tal-President Onorarju, is-Sur Vince Bezzina li bħala Tarxiniż miżżewweġ Għaxqija, per ġunta dixxendenti diretta ta' Giò Maria Farrugia, l-famuż kommisjonant tal-Vara mingħand Mariano Gerada fl-1807; li flimkien ma' Raymond Grima resaq lejn Renzo għall-ewwel talba ta' disin biex jibda l-Proġett tal-Bradella l-ġdida.

Talabhom jistennew. Ma kienx lest. Kien għadu ma sabx is-soluzzjoni għall-enigma. Il-Benefatturi kienu anzjużi li jibdew ħa jmexxu, determinati bis-sħiħ li jaslu fid-destinazzjoni ambizzjuża li ssir bradella mill-iprem.

Raymond Grima baqa' konvint u ċar fit-triq li kellha tittieħed wara li sar rikors mal-Kurja mill-Kappillan Mario Said, biex dak id-disinn approvat mill-Kurja b'mod integru jimxi ħalli sseħħ ħolma twila seklu.

Bl-għajnejn viġilanti ta' Grima u l-ħeġġa appassjonata ta' martu Carmen, u uliedu Jonathan u Maria fl-isfond, l-Gwardjani l-ġodda tal-Assunta kienu għassa tal-iskultur. Raymond Grima mwieled u mgħrobbi ġewwa l-Marsa ilu erbgħin sena miżżewweġ lil Carmen. Ma kienx hemm bżonn jgħaddu erbgħin sena biex Grima jiġi bħal adottat jew innaturalizzat ġewwa Ħal Għaxaq, fejn iddakkar minn martu Carmen f'dik l-imħabba lejn Santa Marija. Carmen theġġeġ kollha b'imħabba bla qies lejn il-Patruna. Santa Marija hi f'demmha. Din il-bradella u l-barkun huma bħal legat li din il-Familja qed tati lill-Parroċċa. Il-ġenerożità bla konfini ta' din il-familja ġejja mill-imħabba bla kondizzjoni li għandhom lejn il-Patruna tar-Raħal tagħhom. Fihom l-eku stess tal-Għaxqin li tant ħabbew lis-Sabiħa li għaliha xtaqu u riedu biss l-aqwa u l-aħjar.

Minn hawn tibda storja oħra. Tibda hekk tensjoni artistika fertili...

"Kif toħloq bradella għall-Kapolavur tal-kalibru tal-Assunta ta' Ħal Għaxaq?"

"Santa Marija tagħkom hi singulari bħala statwa..."

U minn dan l-att ta' venerazzjoni, minn din ir-riflessjoni titwieled l-biża' li wara tissarraf f'ispirazzjoni.

Renzo, bniedem ġentili, kawt u bħal donnu mitluf ġo dimensjoni oħra personali u intimament eskluživa; kif tkellem fuq Santa Marija tal-Għaxqin, wiċċu



xegħel u jurik mal-ewwel l-imħabba li jidher li dejjem kellu lejn din l-istatwa partikulari. "Unika", qalli. "Hi xi ħaġa oħra fl-arti maltija", "Eleganti", "Fina".

Bħal donnu prova jgħidli xi jħoss meta jara lil Santa Marija quddiem għajnejh, iżda ma sabx kliem li jiddeskrivu dik sbuħitHa. Ħassejt mal-ewwel li hu vittma wkoll ta' ĠmielHa. Kont naf allura li nista' nserraħ qalbi, għax il-Bradella kienet ser tkun perfetta.

Wiċċu baqa' mixgħul jfaħħar lill-iskultur Gerada dak li sawwar għal benefiċċju tagħna kapolavur daqstant bla qies. L-umiltà ta' Gauci quddiem il-kobor ta' skultur ċelebri tikxef il-fibra umana ta' dan l-arist. Fil-każ tiegħu l-fama ma telgħetx għar-rasu, u għadu kapaċi jifraħ u juri apprezzament lejn artisti bħalu jiġġieldu mal-materja biex jsawwru l-għeġubijiet. F'dawk l-attimi fuġġenti tara fih bħal tifel mitluf f'estażi jilgħab tal-Knisja bil-vari, mitluf jadura l-ġmiel tar-ritwal. Tifel li kiber u sar raġel li jaqla' ħobżu mill-arti. Raġel li sa ċertu punt għadu jilgħab bl-istatwi, joħlomhom u jagħtiehom nifs il-ħajja.

Min jaf dak li jaraw għajnejh kif jissarraf f'moħħ t'artist?

Bid-disinn imgerbeb f'idu u jien f'xifer ix-xwiek, qalli: "Jien xtaqt noħloq bradella li tħallik tħares lejn Santa Marija. Ridt li noħloq bradella li bħal tgħollieHa 'l fuq. Taf kif inhi qisha verament ħa ttir lejn is-Sema?!"

Ġo qalbi għidt, kull Għaxqi u kull min ihobbHa jifhem sew x'qed tipprova tgħidli.

Għalaqt għajnejja, bħalma nafx x'ser insib quddiemi. Ħassejt fija dik l-ansjetà ġenerali li tibża' li xejn mhu tajjeb biżżejjed għas-Sinjura.





Ftaħt għajnejja. U quddiemi rajt viżjoni ta' ġmiel bla qies...

Kif rajtha fhimt x'kien prova jgħidli meta stqarr li xtaq bradella u bankun li litteralment jistaħbew taħt riġlejn il-Madonna tagħna.

Fhimt sew kif din l-istruttura solida fl-istess ħin bħallikieku qiegħda tixpakka minn forma ta' xi enerġija nukleari fil-qalba tagħha, li bħal qed tiftaħ u tgħawweġ il-materja prima. Hemm enerġija straordinarja li titrażżmetti min dan is-sempliċi skizz magħmul bl-idejn. Bħallikieku tassew Santa Marija tiela' 'l fuq, u l-bradella ser ittir magħHa biex wara terġa' taqa' l-isfel u tissarraf f'relikwa memorja għalina kollha dawk imġienen fuqHa.

Bankun li jgħolliek 'il fuq, lejn bradella li tqandel Qabar dehbi minn fejn liżar leġġer jiddendel ħelu u minn hemm int u jien insiru bħall-Appostli miblugħa, xhieda ta' tlugħ is-Sema, hekk kif għajnejna jgħolew 'il fuq lejHa. Kollox linji t'enerġija vertikali, kollox tiela' 'l fuq. U dan iseħħ kollu ġo Tempju Barokk ddedikat lilHa fejn l-istess kollox maħsub għall-kunċett ta' vertikalità bla waqfien.

Tifhmu x'dinamika ta' moviment dan joħloq madwar Statwa li minna diġà maħkuma minn riħ mtajjra 'l fuq?

Mhiex is-soltu kaxxa tal-injam bħal bonboniera kollha disinn. Il-Bradella l-ġdida hi logħoba sofistikata fuq still Neo-Klassiku mżewweg mal-istil ekklettiku liberu ta' Renzo. Il-*punto di partenza* hu n-Neo-Klassiku pur. Dawk il-kuntrasti bejn spazji ta' sempliċità mbewwsa ma' dettalji finissimi li jżejnu b'ċertu sfarzożità mingħajr qatt ma jkunu żejda jew peżanti. Id-dekor hu kważi kollu funzjonali, iservi skop ċentrali iżda fl-istess ħin hu ċelebrazzjoni festiva tas-sbuħija nnifsha.

Dettalji, Simboloġija, Figuri, Serafini, panewijiet, pilastri u kontra pilastri, morsalli bil-weraq tal-Acanthus minfuħa bil-ħajja, l-Istilel Marjani b'sitt ponot... flimken ma' forma organika tal-Bankun b'dawk l-angoli jiggavdaw biex iwassluk għall-gwarniċun li bħal kuruna tgħaqqad kollox u ttarraġ sa taħt il-Bradella li bħat-Tużell trijonfanti tal-Knisja tagħHa stess jintrefa' minn xejn anqas minn għoxrin Serafin b'dak wiċċhom bħal lest jfaħħar lil Marija...

Minn fejn tibda biex tispjegha?

Erba' Papiet maestużi jokkupaw kull wieħed bħal alkova inkuranata minn arzella maħluqa mill-ġwejjnaħ tas-Serafini, fiċ-ċentrijiet ta' kull panew tal-faċċati ċentrali. Papa b'rabta mal-Assunta f'kull faċċata. Il-Papa Piju XII, il-Papa tad-Domma tal-Fidi tal-Assunta jieħu bi dritt il-panew ċentrali ta' quddiem. Il-Papa Piju V bir-Rabta mal-Madonna tar-Rużarju u l-konnessjoni mal-Gwerra ta' Lepanto li tant fissret għall-Ordni ta' San Ġwann, jieħu post fuq in-naħa ta' wara tal-Bradella. Fil-ġnub imbagħad hemm il-Papa Piju IX, il-Pontefice dell'Immacolata. B'pariġġu, l-maħbub Papa Marjan, Ġwanni Pawlu II.

Huma kollha figuri, l-istess bħas-Serafini maħduma fil-bronż bit-teknika antikissima msejjħa *a cera persa*. Il-Bronż inħadem fil-Funderija Artistika ta' Joseph Chetcuti ġewwa Ħal Luqa. Il-Papiet maħduma b'laqta' kontemporanja għax Renzo ried li din il-Bradella/Bankun ikunu prodott ta' żmienna. Il-preżenza tal-Papa Ġwanni Pawlu II stess jagħtieha kuntest kontemporanju attwali.

Għajnejn Renzo jimtlew dawl hekk kif jispjega x-xogħol ma jitwemminx li hemm wara l-figuri tal-Papiet. Huma figuri uniċi minħabba l-qies sostanzjali tagħhom. Sar l-ewwel mudell fil-pastellina, u wara saret forma tal-ġibs. Issawwru f'xemgħa ġewwa l-Funderija u hemm Renzo jirtokkja u jgħati l-aħħar *colpo di grazia* bħala l-imgħallem.

L-għażla tal-materja prima involuta f'din l-opra hi minna nnifsha studju elaborat fejn il-kuntrast tal-kuluri bejn in-nobiltà tal-injam tal-ġewż Amerikan u Afrikan, bl-introduzzjoni tal-użu ta' ġewż Taljan issatinat bl-għoqiedi bħall-fjammi jew venaturi fl-ifjen irħamijiet, iservu ta' sfond ideali għall-korpożità u s-sens ta' poter qawwi li jarmi minnu x-xogħol fil-bronż. Il-kunċett delizzjuż ta' użu ta' materja prima bħala sinjal ulterjuri ta' nobiltà li bih mgħoni dan it-teżor ġdid tal-Assunta ġewwa t-Tempju Għaxqi.

Sett ta' tmien pannelli jinferxu mal-erba' wċuh tal-Bankun. Żewġt pannelli wieħed fuq kull naħa ta' kull Papa Marjan. Minn kull pannel ixxettel fjura, kull fjura ġġorr simboloġija ta' tifħir lil Virtù tal-Madonna. Il-Warda tal-Mistiċità u l-Ġilju tal-Purezza, dawk klassiċi sinonimi mal-Madonna ma

jonqsux. Iżda Anna, mart Renzo, illum studenta ta' Teoloġija daħlet għal biċċa riċerka kif tmiss il-liġi. Kompliċi hi wkoll fil-ħidma ta' dan il-proġett, hi kkunsultat lil ħadd anqas minn San Bernard, lil San Ġustinu u lid-Divino Poeta, Dante. Mill-kliem ta' dawn il-Kbar hi siltet simboloġija florejali Marjana mhux daqshekk magħrufa bħall-Vjoletta (Umiltà), il-Qronfla (Imħabba lejn Alla), il-Gladjola (Dulur għax bħal donna xabla li tinfed il-QalbHa), il-Kolombina (l-Innoċenza jew rappreżentazzjoni tal-Spirtu s-Santu), il-Margerità (Sempliċità) u l-Periwinkle jew il-*genus Vinca* (Il-Verġinità).

Kull fjura u kull blanzun inħadem fix-xemgħa fuq idejn Renzo. Timmaġinaw id-delikatezza ta' din il-ġest? Swaba li jwarrdu Fjur l-Assunta. Il-fjuri li nibtu minn xemgħa verġinali tindifen fid-deffun bħal ritwal funebri. Jiġi mferra' l-bronż daqslikieku lava tikwi li tissiġilla kollox. Jiġik quddiem għajnejk is-sejbiet f'Pompei maqbuda f'kapsula taż-żmien, ħajjin għal dejjem.

**Għeluq**

Hekk twieldu l-fjuri tal-Assunta li eternament jwarrdu fil-panewijiet tal-Bankun, u magħhom titwieled u twarrad mill-ġdid it-tama qawwija tal-Poplu Għaxqi li jerġa' jġedded rabta mal-Kult antik u rrifjutabbli tal-Assunzjoni.

Inkunu riduttivi wisq jekk ngħidu li l-Bradella u l-Bankun ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq huma



maħduma minn żewgt tipi ta' ġewż, kompluta f'dettalji dekorattivi msawwra fil-bronż. Din l-istruttura tmur oltré minn hekk...

Il-Bradella u l-Bankun il-ġodda huma miraklu t'imħabba bla qies, tellieqa maż-Żmien u Sfida lil-limitazzjonijiet tad-Destin. Din l-opra sagra tisboqq l-isbaħ opri għax maħsuba u mwettqa bl-uniku xewqa li tati ġieħ lil Sidna Marija, u tati glorja lil Ħila tal-bniedem li meta jħobb is-Sbuħija t'Omm Alla u jemmen fiHa b'mod għami, hemm jaf jagħmel ħwejjeġ kbar.

F'kull skalda tagħha hemm id-demm u n-nifs ta' sekli kbar ta' storja, ta' passjonijiet u ta' dak il-Patt ta' Imħabba lejn Santa Marija, rabta li ħadd u xejn ma jħassar għax għandna ċertezza sħiħa li d-demm bejn l-aħwa ma jsir qatt semm.

